**QORTI TAL-APPELL**
**(SEDE INFERJURI)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum il-Hamis 27 ta' Mejju, 2021**

Numru 1

**Rikors Nru. 14/2020**

**Romina Camilleri**

**vs**

**Direttur Generali tas-Sigurta Socjali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' ritrattazzjoni ta' Romina Camilleri wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Inferjuri tas-16 ta' Dicembru 2020 li laqghet l-appell tad-Direttur Generali u ikkonfermat id-decizjoni tad-Direttur Generali tas-7 ta' Mejju 2019 li jnaqqas kull beneficcju li setghat kienet qed tircievi l-appellata bir-rata ta' 10% u tirrifondi s-somma ta' €33,776.93 imhallsa lilha bhala ghajnuna socjali bejn it-22 ta' Gunju 2013 sal-31 ta' Mejju 2019. Dan ghaliex id-dhul taghha kien jeccedi l-massimu kontemplat mill-ligi wara li nstab li l-appartament propjeta ta' Romina Camilleri kien qed jinkera;

Rat ir-risposta tad-Direttur Generali li issottometta r-ritrattazzjoni ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet minnu imsemmija;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell li fil-partijiet saljenti taghha jinghad hekk:

Din il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tad-Direttur Generali appellant, u dan filwaqt li tqis ukoll is-sottomissjonijiet maghmula mill-appellata fir-risposta taghha u l-osservazzjonijiet tal-Arbitru kif jirrizultaw fid-decizjoni appellata.

L-Ewwel Aggravju: l-Arbitru agixxa ultra u extra petita

Id-Direttur Generali appellant jissottometti li l-ewwel aggravju tieghu huwa msejjes fuq il-provvedimenti tal-artikolu 790 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Jghid li filwaqt li d-decizjoni tieghu kif appellata kienet tirrigwarda hlas zejjed li sar lill-appellata u r-rifuzjoni tal-istess, l-Arbitru ordna lid-Direttur Generali appellant sabiex ikompli jissupplixxi lill-appellata bil-beneficcju li kien gie moghti lilha u dan minkejja wkoll li hija ma kinitx qajmet aggravju f'dan ir-rigward.

L-appellata tilqa' billi tissottometti li d-decizjoni appellata kienet korretta u bl-ebda mod ma kienet ultra jew extra petita. Izda jekk il-Qorti ma taqbilx, tghid li d-decizjoni appellata tibqa' wahda regolari skont l-artikolu 790 tal-Kap. 12 fir-rigward tal-ewwel parti taghha.

Il-Qorti tissenjala li huwa ferm stabbilit fil-gurisprudenza tal-qrati tal-appell taghna, li l-eccezzjoni tan-nullità ta' sentenza appellata m'ghandhiex tintlaqa' facilment. Ghalhekk permezz tal-artikolu 790 tal-Kap. 12, il-legizlatur fisser dawk ic-cirkostanzi biss fejn tista' tirnexxi tali eccezzjoni, u fosthom hemm il-kaz fejn il-Qorti tintalab tikkunsidra li s-sentenza appellata hija extra petita jew ultra petita. Il-Qorti tghid li fil-kaz odjern d-decizjoni appellata bla ebda dubju ta' xejn inghatat b'dan il-mod. Filwaqt li l-appellata hasset ruhha aggravata mid-decizjoni tad-Direttur Generali appellant li hija ghandha tirrifondi s-somma ta' €33,776.93, l-Arbitru mar oltre l-kwistjoni migjuba quddiemu, u sahansitra ordna lid-Direttur Generali appellant sabiex " ... jkompli jfornixxi l-appellanti bl-ghajnuna socjali li kienet tircievi". B'hekk l-Arbitru ddecieda kwistjoni li mhux biss ma kinitx taghmel parti mill-ilment tal-appellata, izda li kif sewwa jghid id-Direttur Generali appellant, sahansitra ppregudika l-pozizzjoni tieghu fir-rigward tal-beneficcju li jinghata lill-appellata. Izda min-naha l-ohra tqis li dan ma jwassalx ghan-nullità ta' dik il-parti tad-decizjoni li ddecidiet il-mertu. Din il-Qorti hija tal-fehma li hija biss dik il-parti tad-decizjoni appellata li tolqot l-ghoti tal-beneficcju li ghandha tigi dikjarata nulla u l-kumplament tas-sentenza ghandha tibqa' tghodd.

It-Tieni Aggravju: id-Direttur Generali appellant gie mcahhad mill-jedd ghal smigh xieraq

It-Tielet Aggravju: l-Arbitru ghamel apprezzament hazin tal-provi u naqas milli japplika d-dispozizzjonijiet tal-Kap. 318

Il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkunsidra flimkien iz-zewg aggravji l-ohra peress li whud mill-konsiderazzjonijiet li ser taghmel fir-rigward tat-tieni aggravju, huma applikabbli wkoll fir-rigward tat-tielet aggravju.

It-tieni aggravju tad-Direttur Generali appellant jirrigwarda l-allegat ksur tal-principju fundamentali tal-gustizzja naturali audi alteram partem. Jissottometti li huwa gie mcahhad mill-jedd ghal smigh xieraq meta l-Arbitru cahad it-talba tieghu sabiex iressaq xhud, ghaliex skont l-imsemmi Arbitru d-Direttur Generali appellat kien ghalaq il-provi. Huwa jghaddi sabiex jaghti kronologija tal-proceduri quddiem l-Arbitru, filwaqt li jissottometti li ma kien sar l-ebda verbal li jindika li huwa kien ghalaq il-provi tieghu. Ikompli jghid li l-Arbitru kien ghaggel meta qabad u halla l-appell ghad-decizjoni, u dan minghajr ma mexa skont id-dettami tal-gustizzja. It-tielet aggravju tad-Direttur Generali appellant jirrigwarda l-mertu tal-kaz odjern, u anki l-applikazzjoni tal-ligi ghall-fatti li jirrizultaw mill-provi. Filwaqt li jaghraf li din il-Qorti m'ghandhiex taghmel evalwazzjoni mill-gdid tal-provi li ghamel hu u anki l-Arbitru warajh, jissottometti li fil-kaz odjern dan tal-ahhar ghamel uzu manifestament hazin tad-diskrezzjoni tieghu u sahansitra hemm ragunijiet bizzejjed sabiex din il-Qorti tinvestiga l-provi migjuba quddiem l-Arbitru. Jghid li mhux minnu li ma kien hemm l-ebda prova li l-appellata kienet qieghda tikri l-fond lil terzi. Jirrileva li l-Arbitru filwaqt li strah fuq il-kuntratt ta' kera bejn l-appellata u l-inkwilina Esther Scicluna ffirmat fl-20 ta' April, 2010, huwa ma tax kaz tal-kontenut tieghu u anki tal-iscreenshot tal-history tal-beneficcji li kienet u li ghadha tippercepixxi l-imsemmija inkwilina. Jirrileva wkoll li ghalkemm l-appellata dejjem sahqet li dan il-fond ma kienx finished u ghalhekk hija ma setghetx tmur tghix fih, madankollu kien tajjeb bizzejjed sabiex tirrisjedi fih Esther Shenton u hawnhekk huwa jaghmel ukoll riferiment ghal dak li gie ddikjarat fil-kuntratt ta' lokazzjoni. B'hekk hija l-appellata li ma kinitx qalet il-verità. Jissottometti li fil-proceduri odjerni mbaghad hija naqset milli tikkontesta d-dokumenti esebiti minnu, u anki s-sottomissjonijiet li huwa kien ghamel. Minn hawnhekk id-Direttur Generali appellant jghaddi sabiex jispjega kif l-Arbitru naqas milli japplika wkoll id-dispozizzjonijiet tal-Kap. 318 ghall-kaz odjern, in partikolari l-artikolu 30.

L-appellata twiegeb billi tghid li ma kienx minnu li d-Direttur Generali appellant ma nghatax l-opportunità li jressaq il-provi u s-sottomissjonijiet tieghu quddiem l-Arbitru, u lanqas ma kien minnu li l-Arbitru cahad it-talba tieghu sabiex jitressaq xhud meta ma kinux ghadhom inghalqu l-provi. Tinsisti li t-talba tad-Direttur Generali appellant kienet giet maghmula wara li saru t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet fil-mertu quddiem l-Arbitru. Tghid ukoll li huwa principju ta' gustizzja naturali u principju baziku tal-gustizzja procedurali, li wara li jinghalqu l-provi ma tistax tintalab il-produzzjoni ta' provi godda jew ta' provi li dejjem kienu ghad-dispozizzjoni jew ghall-gharfien tal-parti li tressaq it-talba opportuna. Fir-rigward tat-tielet aggravju mressaq mid-Direttur Generali appellant, l-appellata mill-ewwel tilqa' billi tissottometti li qorti tal-appell in principju ma tissindikax l-apprezzament tal-provi ghajr f'kazijiet eccezzjonali u gravi li zgur ma jirrizultawx fil-kaz odjern. Tissottometti li permezz tal-appell odjern, id-Direttur Generali appellant qed jitlob lil din il-Qorti sabiex taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi kollha, filwaqt li jistieden lil din il-Qorti sabiex taccetta provi godda. Dwar il-mertu u l-provi migjuba mid-Direttur Generali appellant, l-appellata tikkontendi li l-prova permezz tal-iscreenshot tal-hlas tas-sussidju lill-inkwilina fl-indirizz tal-fond ma kinitx necessarjament prova valida li

hija kienet baqghet tikri dak il-fond. Tissottometti li n-nuqqas ta' verifika u n-nuqqas ta' indagini serja tal-kaz sabiex jigi stabbilit jekk verament il-fond kienx qed jinkera, juri nuqqas ta' serjetà min-naha tad-Direttur Generali appellant. Tghid li l-istess kellu jinghad fir-rigward tal-fatt li d-Direttur Generali appellant naqas li jindika l-ammont li permezz tieghu hija kienet eccediet l-iskala u b'hekk kisret il-ligi u ma baqghetx aktar intitolata ghall-assistenza.

Il-Qorti ezaminat l-atti tal-proceduri quddiem l-Arbitru, in partikolari l-verbal tas-seduta tal-25 ta' Frar, 2020, fejn l-appell thalla ghad-decizjoni. Jirrizulta li l-appellata minkejja dak kollu li tissottometti fir-risposta tal-appell taghha, ma ressqet l-ebda prova ghajr kongetturi sabiex issahhah l-oggezzjoni taghha fir-rigward tad-decizjoni mehuda mid-Direttur Generali appellant. Tosserva li anki l-istess Direttur Generali appellant ma ressaq l-ebda prova sabiex jirribatti l-allegazzjoni tal-appellata li l-pozizzjoni finanzjarja taghha ma kinitx tbiddlet minn dakinhar li hija marret applikat ghall-beneficcju inkwistjoni.

Il-Qorti tqis li d-decizjoni tad-Direttur Generali appellant tirrigwarda rifuzjoni ta' somma pjuttost sostanzjali ta' mhux inqas minn €33,776.93, u ghalhekk issibha difficli taccetta li l-ebda parti ma kellha provi xi tressaq in sostenn tal-pozizzjoni taghha. Ghalhekk tikkunsidra li ma tistax tittiehed bhala wahda preciza d-dikjarazzjoni tal-Arbitru li d-Dipartiment kien ghalaq il-provi, u b'hekk iddecieda li jichad it-talba tieghu sabiex jitharrek xhud.

Issa hu minnu li s-subartikolu 108(9) tal-Kap. 318 ihalli lill-Arbitru liberu sabiex jirregola l-proceduri li jkunu tressqu quddiemu, izda l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi jirrikjedu li dan isir b'harsien tal-principji tal-gustizzja u tal-ekwità. Fil-kaz odjern il-Qorti ma tikkunsidrax li gew rispettati dawn il-principji. Fil-fehma taghha l-Arbitru kellu quddiemu kaz ta' ksur lampanti tal-artikolu 1A tat-Taqsima VI tat-Tieni Skeda tal-Kap. 318, fejn l-appellata naqset kemm li tiddikjara li hija kienet tippossjedi proprjetà immobbli abitabbli f'isimha, u anki li l-istess proprjetà kienet qed tintuza ghall-iskop ta' qligh billi tinkera lil certa Esther Shenton. Dan kollu johrog car mill-kopja tal-kuntratt ta' kiri ffirmat fl-20 ta' April, 2010, bejn l-appellata u Esther Shenton, kif ukoll mill-iscreenshot tal-history tal-beneficcji li kienet u baqghet tircievi din tal-ahhar bejn is-16 ta' Lulju, 2008, u l-24 ta' Awwissu, 2019, fl-indirizz tal-fond proprjetà tal-appellata. Ghalhekk sabiex jaghmel gustizzja mal-partijiet u jimxi bl-ekwità, l-Arbitru anki jekk l-appellata ghazlet li ma tixhidx u lanqas li tressaq provi, huwa kien tenut jaghti d-Direttur Generali appellant l-opportunità li jressaq l-evidenza in sostenn tal-allegazzjoni tieghu li l-kapital/id-dhul tal-appellata kien jeccedi l-massimu stabbilit mil-ligi.

Imma hawnhekk il-Qorti ma tistax ma tosservax li l-Arbitru naqas ukoll li jaghmel apprezzament tajjeb tal-provi li kien hemm fl-atti u li kellhom iwassluh sabiex jichad it-talba tal-appellata. Il-Qorti digà kellha l-opportunità aktar 'il fuq, li tispjega r-ragunijiet ghall-fehma taghha fid-dawl ta' dak li wiehed jista' jiddeduci mill-kuntratt ta' lokazzjoni u mill-iscreenshot tal-history tal-beneficcji ricevuti mill-inkwilina. Ma tistax tonqos milli tosserva wkoll li ghalkemm l-appell quddiem l-Arbitru tressaq mill-appellata, din ma ressqet l-ebda prova sabiex tissostanzja l-oggezzjoni taghha ghad-decizjoni dwar ir-rifuzjoni tal-beneficcju mhallas lilha. Il-Qorti ghalhekk fid-dawl ta' nuqqas ta' prova kuntrarja, ma tarax raguni ghaliex id-decizjoni tad-Direttur Generali appellant kellha tithassar.

Ghaldaqstant din il-Qorti ssib li t-tieni u t-tielet aggravju tad-Direttur Generali appellant huma gustifikati, u ghalhekk tilqaghhom.

Decide
Ghar-ragunijiet premessi l-Qorti tiddeciedi dwar l-appell tad-Direttur Generali appellant billi tilqghu, filwaqt li thassar u tannulla d-decizjoni appellata u tikkonferma d-decizjoni tad-Direttur Generali appellant tas-7 ta' Mejju, 2019. L-ispejjez marbuta mal-proceduri quddiem l-Arbitru, kif ukoll dawk ta' din l-istanza, ghandhom jithallsu mill-appellata.

**Ikkunsidrat**
Fir-rikors ta' ritrattazzjoni Romina Camilleri tallega li:

1. Il-Qorti applikat il-ligi hazin (art. 811(e) Kap. 12);

2. Li fis-sentenza gie moghti aktar minn dak li intalab (art. 811(g) Kap. 12);

3. Li s-sentenza giet moghtija fuq haga mhix imdahhla fit-talba (art. 811(f) tal-Kap. 12);

4. Li s-sentenza hi l-effett ta' zball li jidher mill-atti (art. 811(l) Kap. 12).

**L-ewwel aggravju**

L-appellant jishaq illi l-Qorti kienet zbaljata meta qieset li nonostante l-gheluq tal-provi b'verbal tal-arbitru, il-partijiet senjatament d-Direttur Generali ma kellux provi rigward is-sottomissjoni tieghu li Romina Camilleri kienet iddekadiet mill-beneficcju socjali billi kellha proprjeta li kienet qed tinkera. Ir-ritrattand issostni li t-Tribunal qal hazin li l-arbirtu ma mexiex b'ekwita u gustizzja meta kien l-istess Direttur Generali li wara li inghalqu l-provi talab li jressaq xhud iehor, meta l-istess ritrattand ghazlet li ma tressaqx provi u ma kellha ebda obbligu li taghmel dan. Ir-ritrattand jissottometti li ma jistax ikun hemm principju ta' ekwita u gustizzja meta parti tonqos li tressaq provi. Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li l-arbitru ma mexiex b'gustizzja jew ekwita hi ingusta. Hu jishaq li l-izball tal-ligi sehh meta l-Qorti issostitwiet ligi procedurali tas-smigh tal-provi ma' ekwita.

Dan l-aggravju ma jistax jintqal li jikkostitwixxi zball ta' ligi. Japplika ghall-kaz odjern dak illi qalet il-Qorti tal-Appell Superjuri fis-segwenti silta mis-sentenza taghha tat-tlieta (3) ta' Gunju, 1994 fil-kawza fl-ismijiet **Reginald Micallet et noe. vs. Godwin Abela et noe** ghar-rigward tal-artikolu 811(e) tal-Kap. 12:

> '… biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas jistghu jigu vvalutati jew interpretati b'mod iehor, ghajr kif gew ivvalutati u interpretati fis-sentenza attakkata. Ikun hemm lok ghar-rittrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok dispozizzjoni ohra li kellha proprjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li s-sentenza impunjata tkun applikat il-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv, irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi l-hazina ghall-kaz, u mhux li applikat il-ligi t-tajba b'mod hazin'. (Ara **AIC Joseph Barbara vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici**, App 17/2/2003; Appell 5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet **Guido J. Vella A&CE v. Dottor Emanuel Cefai LL.D.**, App. 27/3/2003; **Commonwealth Educational Society Limited v. Adriana Camilleri**, App. 2/6/2003; u **Charles Michael Gauci v. Alfred Vella pro et noe et**, App. 10/10/2003).

F'dan il-kaz ma irrizulta ebda applikazzjoni hazina tal-ligi izda applikazzjoni tal-fatti ghal ligi mertu tal-kaz. Il-Qorti tal-Appell qieset illi f'cirkostanzi fejn kien hemm somma kbira involuta, l-arbitru messu ta l-opportunita li jkollu aktar provi f'idejh biex ikun jista' jiddeciedi. Il-Qorti tal-Appell pero wara li ghamlet ukoll dawn il-kostatazzjonijiet ta' fatt ma iddecidietx il-mertu tal-appell fuq xi prova gdida li ma tressqitx izda dehrilha li kien hemm bizzejjed provi li kellu quddiemu l-arbitru, fejn il-Qorti tal-Appell fuq dawn il-fatti waslet ghal konkluzjoni differenti mill-arbitru. Il-Qorti tal-Appell qieset il-prova fl-atti tal-iskrittura tal-kera, u fejn l-inkwilina baqghet tiddikjara li tirrisjedi fil-fond proprjeta tar-ritrattand. Qieset li din il-proprjeta ma iddikjaratiex mad-Direttur Generali tas-Servizzi Socjali u ghalhekk ir-ritrattand eccediet il-mezzi li bihom setghet tippercepixxi l-beneficcju socjali. Kwindi waslet ghad-decizjoni li r-ritrattand kellha tirrifondi s-somma li hadet indebitament. Il-Qorti applikat l-istess ligi ghal fatti cioe l-Kap. 318 pero interpretat il-fatti b'mod differenti mill-arbitru, ghalkemm kritikat il-gudizzju tal-arbitru ghax seta' kien munit b'aktar fatti accertati biex jasal ghad-decizjoni tieghu.

Din il-Qorti ma tistax ma ticcarax li kuntrarjament ghal dak sottomess mir-ritrattand, il-provi tad-Direttur Generali lanqas kienu ghadhom tressqu ghax l-arbitru iddiferixxa l-appell ghas-sentenza wara li d-Direttur Generali talab li jressaq provi u l-arbitru cahad it-talba bla ebda gustifikazzjoni ghal tali

decizjoni. Din il-Qorti bhal Qorti tal-Appell tista' tistrieh biss fuq dak li jidher mill-atti mhux suppozizzjonijiet jew kongetturi.

Dan l-aggravju qed jigi michud.

**It-tieni u t-tielet aggravji**

Ir-ritrattand jibni dan l-aggravju fuq il-fatt li l-aggravju tad-Direttur Generali quddiem il-Qorti kien li ma thalliex iressaq xhud. Minflok il-Qorti, filwaqt li qablet mieghu, marret oltre u ikkunsidrat il-provi migjuba quddiem l-arbitru hi stess biex tasal ghad-decizjoni taghha. Id-Direttur Generali bena l-appell tieghu fuq il-fatt li ma ressaqx bizzejjed provi quddiem l-arbitru. La darba dan gie acettat mill-Qorti tal-Appell, din il-Qorti ma setghatx tikkonsidra l-provi migjuba quddiem l-arbitru u ghalhekk inkorriet fl-ultra petita ghax semmai messha baghtet l-atti lura quddiem l-arbitru. Ir-ritrattand isemmi diversi fatti li dwarhom il-Qorti tal-Appell tat interpretazzjoni u inferenzi li fil-fehma tar-ritrattand kienu zbaljati meta jitqiesu l-provi fl-atti u fejn il-Qorti tal-Appell qatt ma setghet tasal ghal konkluzjoni li waslet ghaliha.

Dan l-aggravju wkoll ma fihx mertu. Jekk wiehed jara l-appell tad-Direttur Generali quddiem il-Qorti tal-Appell, hu sejjes l-ilmenti tieghu mhux biss fuq in-nuqqas ta' smigh xieraq izda anki fuq l-apprezzament hazin tal-provi li kien hemm fl-atti quddiem l-arbitru u nuqqas ta' adezjoni mal-provvedimenti tal-Kap. 318. Fir-rikors ta' ritrattazzjoni r-ritrattand isemmi diversi fatti li l-Qorti tal-Appell interpretat u tat bixra differenti minn dak li tathom ir-ritrattand. Pero dan ma jfissirx li l-Qorti tal-Appell marret oltre dak mitlub. Id-Direttur Generali ilmenta li (1) gie mcahhad milli jressaq il-provi kollha u (2) f'kull kaz il-provi migjuba kellhom iwasslu lill-arbitru ghal konkluzjoni differenti. Kif qalet il-Qorti fis-sentenza **Melita Cable p.l.c. vs Awtorita Dwar il-Komunikazzjoni** (App Inf 13/02/2009):

> Jinzel minn din l-enuncjazzjoni illi jinkorri f'vizzju ta' ultra petizzjoni dak il-gudikant li jippronunzja ruhu oltre l-limiti tal-pretensjonijiet jew ta' l-eccezzjonijiet imressqa mill-partijiet, ossija fuq materja estraneja ghall-oggett tal-gudizzju, li ma jkunx ukoll rilevabbli ex officio. Wisq ragonevolment, dan ma jfisserx illi l-gudikant hu b'xi mod ristrett milli jindividwa n-natura ezatta ta' l-azzjoni jew li jqieghed ghab-bazi tal-pronuncjament tieghu konsiderazzjonijiet ta' dritt diversi minn dawk

> prospettati mill-partijiet, u anke mill-inizzjattiva taghhom, ghax tali fakulta taqa' fl-attribuzzjonijiet tieghu. Jinghad, di fatti, fost it-taghlim tal-**Mattirolo** illi "non pecca di ultra petita la sentenza la quale accogliendo la conclusione di una delle parti aggiunge a sostegno di essa dei motivi in diritto che non furono fatti valere dalla parte medesima, o dei motive in fatto che emergono dagli atti della causa". ("**Marchese Riccardo Cassar Desain nomine -vs- Giovanni Spiteri**", Appell Civili, 25 ta' Novembru, 1927). Naturalment, dan salv dejjem li l-gudikant jibqa' fl-argini ta' dak lilu domandat jew eccepit;

Il-Qorti tal-Appell filwaqt li tat ragun lid-Direttur Generali fuq l-ewwel parti tal-ilment hasset li kien hemm bizzejjed provi biex tinghata decizjoni fuq il-mertu tal-appell.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

In kwantu ghall-aggravju li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell inghatat fuq xi haga mhix imdahhla fit-talba (art. 811(f) tal-Kap. 12) dan l-ilment ma fih ebda sostenn. Id-Direttur Generali talab lir-ritrattand rifuzjoni ta' beneficcji mhallsa zejda. L-ilment quddiem l-arbitru kien li dan l-ammont mhux dovut kontra l-pretensjoni tad-Direttur Generali li r-ritrattand ma iddikjaratx li kellha proprjeta immobbli u kwindi eccediet il-limitu ta' assi li ghalih seghet tinghata beneficcju socjali. Il-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha wiznet min kellu ragun u jekk taqbilx mal-konkluzjoni tal-arbitru mill-fatti accettati. Kif intqal aktar il-fuq il-Qorti ghazlet li flok tibghat l-atti lura lill-arbitru wara li qieset li ma mexiex b'mod gust fil-gbir tal-provi, rat li mill-provi setghet xorta tasal ghal konkluzjoni taghha. Din hi diskrezzjoni tal-Qorti u kienet talba maghmula fl-appell tad-Direttur Generali innifsu u ghalhekk ma kien hemm ebda nuqqas li jista' jwassal ghal xi akkoljiment ta' dan l-aggravju.

**Ir-raba' aggravju**

Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Rosa Fenech vs Jane sive Giovanna Cini et**, (App 15/07/2019):

> l-izball li jwassal ghat-thassir ta' sentenza u s-smigh mill-gdid tal-kawza irid ikun iddetermina d-decizjoni tal-gudikant fis-sens li kien il-fondament ewlieni tas-sentenza. B'dan il-mod, inghad li ma hemmx lok ghat-thassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, ghalkemm vizzjata minn zball ta' fatt manifest, tkun tista' tigi mod iehor imwiezna b'ragunijiet ohrajn indipendenti minn tali zball. Fuq kollox, ma tithalliex

issir ritrattazzjoni fejn il-fatt zbaljat ikun punt li gie ikkontestat u deciz fis-sentenza attakkata

B’dan l-insenjament ftit hemm x’jinghad b’zieda mal-aggravji precedenti. Is-sottomissjonijiet li saru fir-ritrattazzjoni ma kienux dwar zball ta’ fatt izda fuq nuqqas ta’ qbil dwar it-tifsira, portata u interpetazzjoni tal-fatti. Jista’ wiehed ma jaqbilx mal-impostazzjoni tal-fatti u kif dawn waslu lil gudikant ghal gudizzju tieghu pero dan ma jistax iwassal ghal akkoljiment ta’ aggravju dwar zball ta’ fatt. Ir-ritrattand tilmenta principalment fuq l-iskrittura tal-kera mir-ritrattand favur terz, l-indirizz moghti mill-inkwilina ghal perjodu ta’ zmien, u l-kwalita ta’ prova prezentata dwar dawn l-allegazzjonijiet ta’ fatt. Tilmenta li l-Qorti strahet fuq suppozizzjonijet aktar milli fatti ippruvati. Pero din il-Qorti tosserva li jibqa’ l-fatt illi l-gudizzju dwar l-interpretazzjoni ta’ fatti ghal mertu ta’ kaz hi l-prerogattiva tal-gudikant. Dan wahdu ma jwassalx ghal-pregudizju tali li jaghti lok ghal ritrattazzjoni li hu rimedju eccezzjonali u strett hafna fl-interpretazzjoni tieghu.

Ghalhekk l-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tichad it-talba ta’ Romina Camilleri ghal ritrattazzjoni u tikkonferma s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-16 ta’ Dicembru 2020, bl-ispejjez kontra r-ritrattand.

Mark Chetcuti

Prim Imhallef

Anne Xuereb

Deputat Registratur